MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2008

Numru 659/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOHANN J FENECH**

**KONTRA**

**JOSEPH APAP, bin Charles u Annie nee' Cassar, imwieled Tal-Pieta' nhar il-21 ta' Marzu, 1971, residenti fil-fond 'St Nicholas Flats', Flat 5, Triq il-Konverzjoni, San Pawl il-Bahar, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 196471M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra l-hawn fuq imsemmi Joseph Apap li gie akkuzat talli fis-7 ta' Lulju, 2006, ghall-habta tal-09:45 fl-ETC, Triq Hal-Far, Birzebbuga:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra Guido Zammit minn Hal-Ghaxaq, persuna inkarigata

skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti;

2. U aktar talli ingurja, hedded, jew ghamel offiza fuq Guido Zammit, persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

3. U aktar talli kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Guido Zammit, persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, skond kif iccertifikat Dr C Salafia Zammit MD mill-Isptar San Luqa;

4. U kif ukoll talli kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied, dagha, jew mod iehor.

Illi Guido Zammit, impjegat mal-ETC, spjega illi l-akkuzat dahal fl-ufficju tieghu b’xi dokumenti ta’ *vanancies*. Hawn ix-xhud, qabel ma l-akkuzat beda jitkellem mieghu kien ser icempel lill-manager tieghu biex ikun xhud tal-konversazzjoni ta’ bejniethom – dan ghaliex gia’ kellhom incident precedenti li spicca b’kawza fil-Qorti.

Jghid li Apap tah daqqa ta’ ponn wara li l-parti leza kien qallu biss erba’ jew hames kelmiet. Innega li kien indirzza lil Apap b’xi kliem baxx. Jghid li Apap tah daqqa ta’ ponn meta kien bil-qieghda wara d-*desk* icempel. L-akkuzat kien ghadu bil-wieqfa. Innega li hu qatt qam minn wara d-*desk* tieghu. Spjega ukoll dan ix-xhud li l-karti li gie bihom l-akkuzat kienu fuq *vacancies* ta’ xoghol li pero l-akkuzat ma riedx jaghmel ghax ried jahdem biss ta’ *watchman*.

Bid-daqqa li qala’ Zammit sofra griehi ta’ natura hafifa (ara folio 54, DOK GZ u ritratti ezebiti a folio 53).

Minn naha tieghu, l-akkuzat la fl-istqarrija u lanqas meta xehed viva voce ma nnega li ta daqqa ta’ ponn jew laqat lil Zammit. Pero f’dan ir-rigward fl-istqarrija Apap jghid illi meta dahal fl-ufficju ta’ Zammit bil-karti f’idu, Zammit ma

hadhomx, pero qam minn wara d-desk tieghu, kellmu hazin. Kien hawn li Apap jghid li laqtu f'wiccu ghax qala' idejh, u laqtu f'ghajnejh il-leminija.

Viva voce qal li dahal quddiem Guido Zammit u li njorah fis-sens li ma hadlux il-karti li kien baghatlu hu stess. Testwalment qal li lil Guido Zammit qallu hekk wara li ma hadlux il-karti 'Ghidtlu "Isma' xbin.", ghidtlu "F'kelma wahda inti qed tabbuza minn xogholok.", ghidtlu "Issa ha ddejjaqni." (fol 88). Jghid Apap li hawn Zammit kellmu hazin. Qallu biex ikellmu sew u kien hawn skond Apap li Guido Zammit qam ghalih minn wara l-iskrivanija. Jghid li gie bir-rabja ghalih, hawn Apap qam u tah *left hook* go wiccu (folio 89). Zied ukoll li fuq il-post marru l-pulizija li ppruvaw jikkonfoffaw biex idawru kollox kontra tieghu. In kontro ezami, Apap qal ukoll li Zammit ma missux biss - mar ghalih biex jaggredieh, allura l-azzjoni tieghu kienet wahda ta' *self defense*.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza kif jidher mill-provi prodotti tiddependi biss mix-xhieda tal-partecipanti principali taghha – Zammit u Apap. Il-Qorti, ghalkemm issib tali attitudni ta' Apap bhala wahda repudjabbli tasal anki biex temmen lil Zammit kellu attitudni ftit negattiva lejn Apap, dan tenut kont tal-fatt li gia' kien hemm incident precedenti bejniethom. Certament ukoll illi zbalja jekk Zammit qam ghal Apap, pero jibqa' l-fatt li Apap xejjer daqqa ta' ponn f'ghajnejn Zammitg, dan forsi, u jekk hu l-kaz, ghax qam minn wara d-*desk* tieghu. Dan Apap sejjahlu *self defense*, pero biex tregi tali difiza jrid ikun hemm tali theddid lejn l-inkolumunita' ta' persuna – dan ma jirrizultax.

Illi m'hemmx dubju li Apap uza vjolenza fuq Zammit u dan ai termini ta' l-ewwel (1) akkuza, u konsegwentament ikkagunalu feriti ta' natura hafifa, dan anki l-aggrediment anki akkumpanjat b'ammont t'ghajjat b'post espost ghall-pubbliku. Issibu ghalhekk hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu wara li rat l-Artikolu 95, 96, 221, 338 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Dwar il-piena rat ukoll il-fedina penali, u qieghda tikkundannah ghal sitt (6) xhur habs sospizi ghal sena (1), wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------